30 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Baldacchino

## Terminu — Proroga — Restituzzjoni "in integrum" — Penali

*Ma tistgħax tiġi mogħtija proroga ta' terminu skadut.*

*Imma jekk l-imputat kien ġie, b'sentenza, mogħti żmien biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali għal kull ġurnata ta' ritard, u ġew lilu mogħtija diversi prorogi ta' dak it-terminu anki wara li l-istess terminu kien skada, u għalhekk ma kienx jeżisti, ma jistgħax dak l-imputat ekwitativament jinżamm in kolpa għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tax-xogħol li kellu jagħmel biex jobdi s-sentenza, u ma għandux kwindi jiġi kundannat iħallas il-penali għaż-żmien li fih kien inadempjenti; għax, tajjeb jew ħażin, huwa kellu favur tiegħu d-digrieti li akkordawlu dawk il-prorogi.*

*Hu deżiderabbli li l-prorogi jingħataw biss meta t-terminu ma jkunx skada. Jekk mbgħad tiġi kontemplata l-konċessjoni o meno ta' terminu ġdid, allura, jew ma tiġix magħmula affattu din il-konċessjoni, jew, jekk*

*jinħass li hu ġust li min jitlobha jkun sokkorrut, allura t-terminu ġdid ikun aħjar li jingħata b'effett retroattiv; għaliex appuntu għalhekk il-kliem relattivi huma "restitutio in integrum"; u ma hemmx restituzzjoni "in integrum" jekk, minflok intiera, tkun parzjali.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat talli f'Marsaxlokk, f'dawn l-aħħar tliet xhur, naqas li jagħmel ix-xogħol relativ għall-fond St. Catherine's Street numru 1, dwar li biċċa mid-dar hija bi kmamar bil-ħitan esposti għax-xita mhux tal-ħxuna li titlob il-liġi, skond kif ġie lilu ordnat b'sentenza ta' din il-Qorti taż-17 ta' Settembru 1952, taħt penali ta' 2s. 6d. kull jum f'każ ta' nuqqas; liema nuqqas dam mil-5 sas-16 ta' Lulju 1957. Il-Pulizija talbet li l-imputat jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £1. 10. 0 bħala penali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Ottubru 1957, li biha kkundannat lill-imputat £1.10.0 penali sas-16 ta' Lulju 1957;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Omissis;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza oriġinali taż-17 ta' Settembru 1952 (fol. 4) ġie ordnat lill-imputat biex jirdobla l-ħitan tal-fond hemm imsemmi, żmien sena, taħt penali;

Sal-lum, l-imputat għadu ma rdublax (ara ammissjoni fol. 6);

Hu kurjuż dan il-każ għas-serje ta' irregolaritajiet. It-terminu għalaq l-ewwel darba fiż-17 ta' Settembru 1953. Intant, bir-rikors tal-11 ta' Ottubru 1953 l-imputat talab u ottjena b'digriet mogħti fiż-17 ta' Ottubru 1953, proroga tat-terminu, li ma setgħetx tingħata għaliex it-terminu kien skada, u ma tingħatax proroga ta' terminu skadut. Mbgħad intalbet proroga fit-2 ta' Novembru 1954, li kienet ukoll tardiva, tant jekk wieħed jgħodd mid-data tal-ewwel digriet tas-supposta proroga, ċjoè 17 ta' Ottubru 1953, kemm jekk wieħed jgħodd it-terminu dejjem in relazzjoni għal dak oriġinali, kif għandu jsir. Ċjò non ostanti, ġiet akkordata, b'digriet tas-16 ta' Novembru 1954. Fl-1955 ma ntalab xejn. Fis-16 ta' Gunju 1956, meta t-terminu ma kien bl-ebda mod jeżisti, sija jekk wieħed jgħodd sewwa, sija jekk wieħed jgħodd mid-digriet tas-16 ta' Novembru 1954, peress li t-terminu kien spiċċa għal kollox bil-lakuna tal-1955, ċjò non ostanti ġiet konċessa proroga oħra, li kellha tibda tgħodd, skond id-digriet, mil-5 ta' Lulju 1956, ċjoè mid-data tiegħu. Fiż-17 ta' Settembru 1956 intalbet proroga, daqs kieku kollox kien miexi bi prorogi regolari, u l-Qorti ċaħdet it-talba, fuq il-motiv li t-terminu kien ġa ġie prorogat bid-digriet tal-5 ta' Lulju 1956 fuq imsemmi. Mbgħad, fiż-17 ta' Lulju ta' din is-sena, intalbet proroga oħra, u l-Qorti tat terminu ġdid ta' sena, li kellha tibda tgħodd mill-preżentata tar-rikors, ċjoè miż-17 ta' Lulju 1957, u rriżervat ir-responsabilità kriminali tal-appellant għall-periodu mill-5 ta' Lulju 1957 (kif, ċjoè, prorogat bid-digriet tal-5 ta' Lulju 1956) saż-17 tal-istess xahar u sena. B'dawn l-irregolaritajiet, il-pożizzjoni li nħolqot hi komplikata;

Inutili jgħid l-imputat li t-terminu għandu jiġi komputat (kif għandu jiġi komputat) minn sena għal sena, bid-"dies a quo" fissat fid-data tas-sentenza oriġinarja, ċjoè 17 ta' Settembru 1952, u li b'dan il-mod hu kopert anki għall-perijodu nkriminat; għaliex kontra tiegħu hemm il-fatt li ċert li ebda proroga ma saret, tajjeb jew ħażin, fil-1955;

Fl-istess ħin, meta l-ġudikant jiġi biex jeżamina f'dan

il-ġudizzju, li hu biss ġudizzju ta' eżekuzzjoni, jekk kienx hemm xi kawża ġusta li minħabba fiha l-imputat ma ottemperax ruħu mad-digriet, isib dan;

Sal-5 ta' Lulju 1957, non ostante l-irregolarità tal-prorogi, u non ostante l-lakuna tal-1955, l-imputat, li kellu favur tiegħu, tajjeb jew ħażin, dawk id-digrieti, ma jistgħax ekwitativament jinstab in kolpa għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni. Mhux suppost li hu stess jimpunja dawk id-digrieti, ladarba ngħataw. Hu mexa fil-kredenza li kien għar-regola, u dik il-kredenza tiegħu kienet assodata bid-digrieti, avvolja irregolari. Dawk id-digrieti ma setgħux kienu orrettizji jew surrettizji, għax kien faċili għal kullħadd li jikkomputa mit-terminu oriġinarju, li kien pależ għal kullħadd;

Kwantu għall-perijodu nkriminat, mill-5 ta' Lulju 1957 saż-17 tal-istess xahar u sena, għandu jingħad li l-imputat per mezz tad-difensur tiegħu Dr. Antonio Caruana, jiddikjara, fol. 14, li r-raġuni li għaliha l-imputat ma rdublax il-ħitan kienet li l-imputat ma ddisponiex minn mezzi sufficjenti biex jaffronta l-ispiża, u li għandu speranza li jibni l-viċin, u jkun hemm b'hekk lok għall-appoġġ. Apparti x'kienet tkun l-opinjoni ta' din il-Qorti dwar l-attendibilità ta' dawn il-motivi ta' skuża, hu fatt li l-Maġistrat ikkonċeda, fl-24 ta' Lulju 1957, fuq ir-rikors taż-17 ta' Lulju 1957, terminu ġdid mill-preżentata tar-rikors. Issa, ġa ladarba kkonċeda terminu ġdid, wieħed għandu tabilfors jissupponi li kien hemm raġuni tajba għal daqshekk; diversament, bla raġuni tajba, ma kienx jingħata terminu ġdid. Issa, il-motivi allegati mill-imputat huma tali li, jekk kienu tajbin għal terminu ġdid ta' sena mis-17 ta' Lulju 1957 saż-17 ta' Lulju 1958, għandhom ikun tajbin għall-perijodu nkriminat ta' ftit ġranet anteċedenti, ċjoè dak bejn il-5 ta' Lulju 1957 u ż-17 ta' Lulju 1957; għax, l-istess, l-imputat, ftit ġranet qabel, ma kienx jiddisponi minn mezzi, u l-istess, ftit ġranet qabel, hu kien qiegħed jistenna li l-viċin jibni u jagħtieh l-opportunità tal-appoġġ. Kwindi għandha tingħata lilu l-

istess raġuni bħala skuża tan-nuqqas ta' ottemperanza. Dan mhux għaliex qiegħed jiġi, b'xi mod, stabbilit bħala prinċipju li dawk il-motivi jikkostitwixxu raġuni tajba; anzi din il-Qorti tiddikjara espressament li mhijiex qegħedha tippronunzja ruħha bl-ebda mod dwar daqshekk. Imma, ladarba ġie konċess terminu ġdid miż-17 ta' Lulju 1957 saż-17 ta' Lulju 1958, preżumibilment fuq dawk il-motivi (li ma ġewx kontestati mill-Prosekuzzjoni, u lanqas ġie allegat mill-Prosekuzzjoni li kien hemm oħrajn li kkonvinċew lill-Maġistrat u li nqalgħu "ex abrupto" fiż-17 ta' Lulju 1957, b'mod li ma kienux jeżistu fil-perijodu nkriminat ta' ftit ġranet qabel), il-ġustizzja trid li anki l-perijodu nkriminat għandu jitqies ġustifikat ugwalment. Din il-Qorti, il-lum, "rebus sic stantibus", hija ċirkoskritta fil-ġudizzju tagħha bl-attijiet fuq imsemmija, u ssib ruħha di fronti għal "fait accompli", sija mhux konformi għall-liġi, dwar il-prorogi;

Hu deżiderabbli li l-prorogi jingħataw biss meta t-terminu ma jkunx skada. Jekk mbgħad tiġi kontemplata l-konċessjoni o meno ta' terminu ġdid, allura, jew ma tiġix magħmula affattu din il-konċessjoni, jew, jekk jinħass li hu ġust li r-rikorrent ikun sokkorrut, allura t-terminu ġdid ikun aħjar li jingħata b'effett retroattiv; għaliex appuntu għalhekk il-kliem relativi huma "restitutio in integrum", li fil-lingwa taljana, fil-prassi forensi lokali tal-imgħoddi, kienet "restituzione in intero contro la decorrenza del termine"; u ma hemmx "restitutio in integrum" jekk, minflok intera, tkun parzjali;

Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, l-imputazzjoni mhijiex sostnuta;

Konsegwentement tiddeċidi billi takkolji l-appell, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.